PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru,1999.

Numru 57

Citaz. numru 1030/94 DS

Carmel u Patricia konjugi Cutajar
f'isimhom proprju u bhala legittimi
rapprezentanti ta' binhom minuri
Alexie Cutajar
vs
Emanuel Agius

Illum, 10 ta' Dicembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Awissu 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi:

Fl-4 ta' Frar 1994 waqt li l-konvenut Emanuel Agius kien qed isuq il-vettura numru 0-7225 f'St. Thomas Street, Fgura, imhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa mar "wrong side" u habat mal-vettura numru C-4633 propjeta tal-attur, Carmel Cutajar li dak il-hin kienet qed tinsaq minn martu Patricia Cutajar fid-direzzjoni opposta fuq il-"proper side" taghha.

B'rizultat ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni konsiderevoli fosthom dawk rizultanti mill-korriment serju u ta' natura gravi fil-persuna ta' Patricia Cutajar u tal-minuri Alexei Cutajar liema korrimenti jwasslu ghall-inkapacita ta' natura permanenti, liema inkapacita twassal ghal danni attwali kif ukoll sejra twassal ghal danni futuri "lucrum cessans" u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

B'konsegwenza ta' dan l-incident, li ghalieh kien unikament responsabbli l-konvenut, l-atturi, kif gia ntqal, sofrew danni konsiderevoli u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Billi l-konvenut Emanuel Agius interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi baqa' inadempjenti, kellha ssir din il-kawza.

talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, li ghar-ragunijiet premessi, tiddikjara u tiddeciedi li:

1. l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fl-4 ta' Frar 1994 fil-limiti tal-Fgura u ghad-danni kollha rizultanti lill-atturi, il-konjugi Cutajar u binhom Alexei, bhala konsegwenza ta' dan l-istess incident.

2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra tal-Periti nominandi.

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tal-14 ta' April 1994 kontra l-konvenut u ta' zewg ittri ufficjali presentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-Assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu z-zewg sewwieqa b'mod ugwali stante illi hawn si tratta ta' "middle of the road collision". Billi l-konvenut kien gia obbliga ruhu li dal kaz jigi solvut bhala tali w l-atturi baqghu jinsistu fuq it-tort kollu, l-

konvenut m'ghandux ibghati spejjez jekk ir-responsabbilita' tal-incident tigi deciza nofs bin-nofs.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri w b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-konvenut kontra l-atturi in konnessjoni ma' din il-habta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-2 ta' Dicembru 1994 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali u Dr. Anthony Galea Debono bhala perit mediku;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-provi migbura

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara f'St. Thomas Street, Fgura bejn il-vettura C-4633 misjuqa mill-attrici u l-vettura O-7225 misjuqa mill-konvenut. Ma' l-attrici kien hemm riekeb passiggier fuq quddiem binha minorenni Alexie filwaqt li l-konvenut kellu erba' passiggieri mieghu. Dwar l-incident xehdu biss is-sewwieqa u l-imsemmi Alexei Cutajar peress li l-konvenut iddikjara f'seduta peritali li tlieta min-nies li kellu mieghu m'ghadhomx jahdmu meighu u ma jafx x'sar minnhom u l-iehor qallu biex ma jtellghux xhud ghax ma jafx kif gara l-incident.

L-attrici xehdet li dakinhar kienet sejra fid-direzzjoni ta' Hal-Tarxien u fit-triq kien hemm karrozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat. Hija spjegat li fuq il-lemin taghha fejn hemm l-ispizerija kien hemm filliera karrozzi pparkjati filwaqt li fuq in-naha taghha kien hemm filliera wkoll warajha mbaghad faccata tat-triq li tidher fuq l-iskizz tal-Pulizija kien hemm gap u kien hemm karrozza pparkjata mmarkata "A" li ma kenitx warajha izda quddiemha meta saret il-habta.

Hija qalet li kienet qed issuq bil-mod, normali. Kienet maqlugha 'l barra xi pied mill-karrozzi pparkjati. Quddiemha ma kienx hemm karrozzi mixjin. Mill-faccata ghaddew xi zewg karrozzi. Kif ghaddew, rat lill-konvenut gej mill-faccata taghha bi speed li tahseb li kien miexi mhux hazin u hiereg 'il barra lejn nofs it-triq. Kif rat hekk naqqset l-ispeed u waqfet wara karrozza li ma tidhirx fl-iskizz. Waqfet b'nofs il-karrozza taghha mohbija wara l-karrozza pparkjata. Lehqet qalet lit-tifel biex izomm u saret il-habta. Il-konvenut kellu minn fejn jghaddi kieku ried ghax il-karrozzi l-ohra kienu ghaddew. Anke kieku ma dahlitx b'nofs il-karrozza taghha wara l-karrozza pparkjata xorta kellu minn fejn jghaddi. Il-hsara fil-karrozza taghha kienet fuq quddiem in-naha tal-lemin. Filwaqt li fil-mument tal-habta l-karrozza taghha kienet fuq ix-xelluq tat-triq, dik tal-konvenut kienet nofsha fuq in-naha taghha u nofsha fuq in-naha tieghu. Il-karrozza taghha kellha tigi scrapped.

B'rizultat ta' dan l-incident kemm hi kif ukoll it-tifel weggghu. Hi weggghet widnejha l-leminija li kienet tehtieg pomti kif ukoll fekket zewgt iswaba ta' saqajha u kellha xi tbengil. It-tifel kellu tletin pont fuq xofftejh, geddumu, fuq ghajnu u fuq ghonqu u kien anke ghal xi zmien tilef ghajn mnnhom.

Alexei Cutajar stqarr li ommu ssuq bil-mod. Dakinhar ta' l-incident kien hemm karrozza wieqfa quddiemhom fuq in-naha tax-xellug taghhom. Kienu ghaddejjin mit-triq meta f'daqqa wahda ommu qaltlu biex izomm u f'daqqa wahda hass daqqa ta' karrozza u ghonqu dar lejn ix-xellug. Huma kienu ghaddejjin fuq ix-xellug tat-triq.

In kontroezami qal li ma qabzux il-karrozza wieqfa. Kienu weqfin warajha. Kienu qrib il-bankina, xi pied jew ftit izjed 'il barra u xi pied iktar lura mill-karrozza pparkjata quddiemhom. Ma jiftakarx kienx hemm karrozzi aktar ipparkjati.

Il-konvenut spjega li huwa kellu mieghu erba' min-nies u kienu fil-hin tal-break sejrin lejn il-bank. Fuq ix-xellug tat-triq tieghu kien hemm karrozzi pparkjati tul it-triq kollha. Huwa kien ghaddej b'xi 35 k.f.s. Kien vicin hafna tal-karrozzi pparkjati ghax it-triq dejqa. Kien ghaddej fuq is-side tieghu u f'daqqa wahda ra karrozza mill-faccata tieghu li kienet qalghet karrozza pparkjata u gejja ghal fuqu. Dahlet fuqu u dawritu clockwise lejn il-lemin u spicca kif indikat fl-iskizz. Huwa ma weggax izda kellu xokk kbir. Hsara fil-karrozza kienet teccedi l-Lm1000.

In kontroezami qal li qatt ma talab biex jithallsu l-hsarat fil-karrozza tieghu. Meta ra l-karrozza l-ohra l-ewwel darba taqla' karrozza ohra, kienet boghod minnu tul ta' zewg karrozzi. Ghal domanda ghaliex ma rahiex qabel wiegeb semplicement "Ghax ma rajthiex". Cahad li ma rahiex ghax kien aljenat ikellem lil shabu. Meta raha gejja lejh ma seta' jaghmel xejn ghax kellu tul ta' karrozzi ma' genbu u kien qrib hafna taghhom. Lanqas cans jaghfas brake ma' kellu. Jaqbel ma' l-iskizz kif inhu. Il-vetturi baqghu kif kienu mal-habta. Meta ra l-karrozza ta' l-attrici l-ewwel darba hija kienet diga' qabzet il-vettura pparkjata u ma jahsibx li kienet dahlet fuq is-side taghha ghaliex it-triq dejqa. Jahseb li l-attrici qabzet nofs it-triq.

Konsiderazzjonijiet

Bix-xiehda taghhom iz-zewg sewwieqa jikkontradicu lil xulxin. It-tnejn jallegaw li l-parti l-ohra qabzet nofs it-triq. L-attrici tghid li l-konvenut kien gej bi speed u l-konvenut li kien ghaddej b'xi 35 k.f.s. L-attrici tghid li dahlet wara karrozza pparkjata filwaqt li l-konvenut jaqbel ma' l-iskizz. Alexei Cutajar ighid li waqfu xi pied jew ftit izjed 'il barra mill-bankina wara karrozza pparkjata. Filwaqt li l-attrici tghid (bhalma jghid binha) li lehqu waqfu, il-konvenut isostni li kienet l-attrici li baqghet diehla fuqu (ghalkemm jammetti li hu lanqas lehaq ghafas il-brake).

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jghid li ma jistax jemmen lil xi parti aktar mill-ohra u jara l-iskizz tal-Pulizija bhala indikattiv hafna peress li fih jidhru l-ispot of impact u l-pozizzjoni tal-karrozzi wara l-incident. Minn hemm fil-fatt jirrizulta li l-incident gara preciz on the crown of the road. Difatti jekk wiehed ikejjel in-nofs tat-triq fl-iskizz li huwa to scale jara illi t-tifrik tal-habta qieghed precizament f'nofs it-triq u illi l-hsarat fiz-zewg karrozzi huma kompatibbli ma' daqqa fin-nofs tat-triq. Il-hsarat fiz-zewg karrozzi huma indikati wkoll fl-iskizz.

Il-perit legali josserva li t-triq hi wiesa' bizzejjed biex tiehu erba' karrozzi biswit xulxin. Naturalment, b'karrozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, il-manuvrar tal-karrozzi mixjin fit-triq kontra xulxin fl-ispazju rimanenti jrid isir b'attenzjoni kbira. L-entita' tal-hsarat fiz-zewg vetturi ma jindikax li l-manuvrar kien qed isir b'tali attenzjoni. Inoltre l-ispot of impact jindika li z-zewg karrozzi kienu xi ftit 'il barra iktar milli jmisshom.

Sfortunatament ma giex prodott l-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz li seta' forsi jitfa' ftit aktar dawl fuq il-kaz, anke bl-esebizzjoni ta' l-okkorrenza relattiva. Bhal ma gewx prodotti x-xhieda l-ohra li kienu riekba mal-konvenut.

F'dawn ic-cirkostanzi l-perit legali jikkonkludi li l-htija ta' l-incident ghandha tinqasam ugwalment bejn iz-zewg kontendenti.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-provi limitati li gew prodotti u tikkondividi l-konkluzjoni minnu raggunta dwar l-apporzjonament tar-responsabilta'.

Id-danni

DAMNUM EMERGENS

Mid-dokument X8 esebit mill-attrici jirzizulta li l-pre-accident value tal-karrozza taghha kienet Lm850 u stante li l-valur tat-tiswijiet kien se jecedi l-valur tal-karrozza, din giet skrappjata.

Inoltre kemm l-attrici kif ukoll binha xehdu li ghadhom jiehdu medicini sallum. Biss l-attrici esebiet ircevuta wahda, id-dokument X1 ghal Lm28.98 peress li rcevuti ohra ma zammitx ghax ma kenitx taf li ser ikollha bzonnhom ghal kawza. Hi kkalkolat li b'kollox s'issa nefqet xi Lm200 f'medicini. F'dar-rigward, fl-assenza ta' provi cari dwar x'intefaq f'medicini, il-perit legali llikwida l-ammont ta' Lm100 arbitrio boni viri.

Il-Qorti taqbel ma' din il-likwidazzjoni u ghalhekk tistabilixxi d-damnum emergens favur l-atturi fl-ammont ta' Lm950 b'dan li stante l-apporzjonament tar-responsabilta' l-ammont dovut lill-atturi huwa tan-nofs, cioe' Lm475.

LUCRUM CESSANS

Dr. Anthony Galea Debono ssottometta li l-attrici ghandha dizabilita' permanenti ta' 1% minhabba ugiegh fil-qiegh ta' sieqha meta ssir pressjoni fuqha. Ma rrizultax li l-attrici ghandha xi impjieg izda huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li x-xoghol tad-dar ghandu valur ekonomiku u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika m'ghandux jitqies

li jiswa anqas minn dak li jaghti r-ragel. Ix-xoghol tad-dar ghalhekk ghandu jitqies li jiswa mhux anqas mill-paga minima nazzjonali (Carmelo Zammit et vs George Bezzina et noe, Appell Civili, deciz fid-19 ta' Settembru 1973; Elizabeth sive Alice Grech et vs Mario Briffa, Prim' Awla, deciz fil-21 ta' Frar 1997; Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit, Prim'Awla, deciz fit-22 ta' Marzu 1999).

Il-perit legali konsegwentement issottometta li l-qliegh ta' l-attrici ghandu jigi kalkolat a bazi ta' Lm50 fil-gimgha u billi jidher li l-attrici kellha 36 sena meta gara l-incident ghandu jintuza multiplier ta' 20 sena.

Filwaqt li l-Qorti taqbel li l-qliegh ghandu jigi kalkolat a bazi ta' Lm50 fil-gimgha, ossia Lm2600 fis-sena, jidhrilha li l-multiplier uzat mill-perit legali ghandu jizdied in vista tal-fatt li l-perit mediku kkonkluda li ghalkemm id-dizabilitajiet ta' l-attrici huma minimi huwa mistenni li dawn jippersistu indefinittivament. Ghalhekk il-Qorti se tuza multiplier ta' 25 sena.

Dan il-multiplier ta' 25 jaghti rizultat ta' Lm65,000 u billi l-grad ta' dizabilita' ta' l-attrici huwa ta' 1%, dan igib Lm650. Billi r-responsabilta' ghall-incident inqasam ugwalment, dan jonqos ghal Lm325. Billi l-incident gara fl-4 ta' Frar 1994 u c-citazzjoni gietipprezentata fil-11 ta' Awissu 1994, u ghalhekk ghaddew aktar minn hames snin minn mindu bdew dawn il-proceduri, kif ukoll in vista ta' l-ammont relattivament zghir ta' danni m'ghandha ssir l-ebda riduzzjoni ghal lump sum payment.

Dwar it-tifel Alexei Cutajar l-espert mediku qasam id-dizabilita' permanenti fi tnejn: 3% ghal dizabilita' fizika u 5% ghal sfregju fil-wicc.

Il-perit legali ssottometta li rigward il-persentagg moghti ghall-isfregju ghalkemm dan ma jnaqqasx mill-fakolta' lavorativa tieghu fil-futur, l-aspett fiziku tieghu jista' jkun ta' detriment ghalih kemm f'dak li hu l-aspett socjali ta' hajtu kif ukoll f'dak li huma l-ambizzjonijiet ta' xoghol tieghu. Billi kellu disa' snin meta gara l-incident x'aktarx li sakemm jikber u jibda jahdem l-isfregju ma jibqax daqshekk pronunzjat. B'hekk ikkonkluda li d-dizabilita' tat-tifel ghandha ssir 6%, cioe' 3% ghad-dizabilita' fizika u 3% ghall-isfregju fil-wicc.

Huwa mbaghad ghadda biex ikkalkola d-danni futuri, ghalkemm immaginarji, stante li t-tifel ghadu zghir wisq biex tikkalkola meta ser jibda

jahdem, ix-xoghol tieghu u l-qliegh tieghu. Huwa ghalhekk ibbaza ruhu fuq hajja lavorattiva ta' 30 sena a bazi ta' paga ta' Lm100 fil-gimgha, cioe' Lm5200 fis-sena.

L-ammont ta' lucrum cessans b'hekk gie kalkolat hekk:

Lm5200 x 30 x 6% = Lm9360.

Imbaghad ghadda biex inaqqas 20% ghal lump sum payment.

Filwaqt li l-Qorti taqbel mal-komputazzjonijiet tal-perit legali ma taqbilx mat-tnaqqis li ghamel ta' 20%. Difatti, kif diga' gie ndikat, dawn il-proceduri nbdew aktar minn hames snin ilu u konformi mal-gurisprudenza l-aktar recenti ghandu jkun hemm temperament f'dan it-tnaqqis li in effetti l-Qorti qed tirriduci ghal 5%. Ghalhekk is-somma ta' Lm9360 ghandha titnaqqas b'5%, u cioe' b'Lm468, li jhalli bilanc ta' Lm8892 li ghandu jigi dimezzat skond ir-responsabilta' stabbilita. L-ammont dovut lil Alexei Cutajar bhala lucrum cessans huwa ghalhekk ta' Lm4446.

Ghaldaqstant hu dovut lil Patricia Cutajar Lm475 bhala damnum emergens u Lm325 bhala lucrum cessans u lil Alexei Cutajar Lm4446 bhala lucrum cessans.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara li ghall-incident in kwistjoni kienu ugwalment responsabbli l-attrici u l-konvenut,
(2) tillikwida d-danni dovuti lill-atturi fl-ammont komplessiv ta' Lm5246,
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm5246 bl-imghax mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Grazio Galea
D/Registratur